# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2020

## Talba numru 7/2019SFJ

***4 SIGHT TECHNOLOGIES LIMITED (C74127)***
***vs.***
***SHIRLEY CATANIA (0316873M) u SAVIOUR sive SILVIO AZZOPARDI (25666M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ppremettiet u talbet:

> *"Tħallasha s-somma globali ta' disa' mija u sebgħa u disgħin Ewro (€900.97) rappreżentanti servizzi professjonali reżi lilek fuq ordnijiet tiegħek u dan kif jirriżulta aħjar mill-kopja tal-invoices hawn annessi u mmarkati Dok. GF1."*

Ra r-Risposta (fol. 7 tal-proċess) li ġiet ippreżentata minn **Saviour Azzopardi (25666M)** li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

> "*1. Illi t-talbiet attriċi fil-konfront tal-eċċipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li mhux debitur tar-rikorrenti fl-ebda ammont.*

> 2. *Illi l-eċċipjenti qatt ma ta l-ebda inkarigu lil jew talab xi servizz mingħand is-soċjetà attriċi.*
>
> 3. *Kull talba għandha tiġi diretta unikament lill-konvenuta l-oħra:*
>
> *Catania Shirley (K.I. 0316873M) Block 2, House 1,*
> *Trejqet Antoine de Favray, St Patrick's, Pembroke*
>
> 4. *Illi l-eċċepjenti m'għandu jbati ebda kap ta' spejjeż.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-partijiet l-oħra jew min minnhom."*

Ra d-digrieti tat-12 ta' Ġunju 2019 u tas-7 ta' Awwissu 2019.

Ra li skont l-affidavit tal-konvenuta datat 14 ta' Ġunju 2019 (ara fol. 28 tal-proċess), din iddikjarat li hija "*Shirley Coppola, mara tad-dar, legalment separata minn Norbert Coppola, bint Louis Catania u Irene née Hughes… detentriċi tal-karta tal-identità numru 316783M.*" Dan ghalhekk jikkonferma li hija l-istess persuna.

Ra li skont id-digriet tas-7 ta' Awwissu 2019, il-konvenuta **Shirley Coppola (316873M)** ġiet awtorizzata tippreżenta Risposta sa tmintax-il ġurnata mill-komunika tal-istess digriet.

Ra li l-Avv. Marsette Portelli Xerri (li kienet qed tippatroċinja lil Shirley Coppola) ġiet innotifikata bid-digriet fit-22 ta' Awwissu 2019.

Ra r-Risposta tal-konvenuta Shirley Coppola (316873M) ippreżentata fl-4 ta' Settembru 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

> "i. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan primarjament stante li l-esponenti m'hix il-leġittimu kontradittur.*
>
> ii. *Illi l-esponenti qatt ma daħlet fl-ebda obbligi ta' kwalsiasi indoli jew natura mas-soċjetà attriċi u jekk kien hemm xi arranġament ta' kwalunkwe tip dan kien dejjem għan-nom u fuq inkarigu tal-konvenut Silvio Azzopardi kif tixhed anki l-kopja tal-invoice (GF1) annessa mal-avviż tat-talba.*
>
> iii. *Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jitressqu mill-esponenti skont il-liġi.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà attriċi li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni."*

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tat-12 ta' Frar 2020 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-11 ta' Marzu 2020.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

It-Tribunal jirreferi għall-*invoice* ippreżentata mal-Avviż tat-Talba (ara fol. 3 tal-proċess). Din hija maħruġa mis-soċjetà attriċi u tidher li tirreferi għal servizzi ta' ħolqien ta' *website* u *domain registration*. L-*invoice* hija indirizzata lil "*Silvio Azzopardi Seahorse Cruises*". Dan id-dokument jirrikonoxxi li fis-17 ta' Marzu u fis-27 ta' Ġunju 2017 saru pagamenti ta' €400.00 u ta' €600.00 rispettivament u kien permezz ta' dawn il-pagamenti li l-ammont oriġinarjament dovut, jiġifieri l-ammont ta' €1,888.00 kif miżjud bl-ammont ta' €12.97, naqas għal €900.97.

Fis-6 ta' Ġunju 2019 ġie ppreżentat affidavit tax-xhud **Maurizio Mamo** (ara fol. 19 tal-proċess), li bil-Malti u taħt ġurament, qal li hu kien rappreżentant tas-soċjetà attriċi u li l-istess soċjetà attriċi kienet toffri servizzi ta' teknoloġija tal-informatika u *digital marketing*. Hu xehed li għall-ħabta ta' Jannar 2017, is-soċjetà attriċi ntalbet toħloq sit elettroniku għal *Seahorse Cruises* li kienet rappreżentata minn Saviour Azzopardi u Shirley Catania. Mamo qal li fis-17 ta' Marzu 2017 is-soċjetà attriċi rċeviet ċekk ta' erba' mitt Ewro (€400.00) mingħand Saviour Azzopardi rappreżentanti depożitu *on account* tal-prezz ikkwotat fil-fattura. Ix-xogħol fuq is-sit elettroniku beda u tlesta wara dik il-ġurnata. Mamo kompla jgħid li fis-27 ta' Ġunju 2017 inġabret is-somma ta' sitt mitt Ewro (€600.00) fi flus kontanti bħala parti minn somma komplessiva ta' elf u disa' mitt Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,900.97). Wara dakinhar, nonostante diversi telefonati lil Saviour Azzopardi u lil Shirley Catania, il-bilanċ ta' disa' mitt Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€900.97) baqa' ma tħallasx.

It-Tribunal hawnjosserva partikolarment id-dokument immarkat GF2 (fol. 20) li huwa kopja taċ-ċekk imsemmi fl-affidavit. Il-kitba fuq iċ-ċekk tindika li daninħareg minn "*MR SAVIOUR K/A SAMMY AZZOPARDI*".

Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2019 reġa' ttella' jixhed **Maurizio Mamo** iżda din id-darba, prodott mill-konvenuti. Taħt ġurament, huwa spjega li hu kien il-kap uffiċjal eżekuttiv tas-soċjetà attriċi u li kien kellem lil Shirley u lil Silvio. Kien sar diskors magħhom anki mis-*salesperson* tas-soċjetà attriċi, illum defunt, iżda l-ismijiet taż-żewġ konvenuti dejjem kienu jissemmew. Kienet saret anki komunikazzjoni magħhom bit-telefon.

Rigward il-*website*, Mamo kompla jixhed li għalkemm ma setax jiftakar l-isem preċiż tagħha, kellha x'taqsam ma' xi *tours*. Huwa wiegħed li kien ser jippreżenta *screenshots* tal-*website* iktar 'il quddiem billi ma kellux dak il-materjal miegħu waqt is-seduta.

Fir-rigward tal-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni, Mamo qal li l-*payment terms* tas-soċjetà attriċi kienu jistipulaw tlett pagamenti. L-ewwel pagament kien dovut hekk kif il-klijent jikkummissjona x-xogħol. It-tieni pagament kien dovut meta l-impjegati tas-soċjetà attriċi jagħtu t-taħriġ lill-klijent dwar kif jopera l-*website*. It-tielet pagament ikun biex is-soċjetà attriċi ttella' l-

*websiteonline*. F'dan il-każ, il-*website* ma ttellgħetx *online* għax is-soċjetà attriċi ma kinitx tħallset. Ix-xhud qal li meta x-xogħol tlesta, is-soċjetà attriċi ikkomunikat maż-żewġ konvenuti.

Fil-kontro-eżami, Mamo xehed li s-soċjetà attriċi kienet irċeviet pagament fi flus kontanti u pagament permezz ta' ċekk. Iċ-ċekk kien maħruġ minn Silvio Azzopardi.

Fl-istess udjenza xehdet il-konvenuta **Shirley Coppola**. Bil-Malti u taħt ġurament, hija spjegat li Silvio Azzopardi kien *partner* iżda kienu qatgħu kull konnessjoni. Hi spjegat li hi kienet tidher miegħu fin-negozju billi hu la kien jaf jaqra u lanqas jikteb. Hi ma kellha mkien imniżżel bil-miktub kinitx *partner* fin-negozju jew impjegata tiegħu. Skont Coppola, l-idea tal-*website* kienet ġejja minn Silvio Azzopardi. Rigward kuntatt mas-soċjetà attriċi, ix-xhud qalet li kien ċertu wieħed Mark min-naħa tas-soċjetà attriċi li għamel kuntatt mal-konvenuti u mhux bil-maqlub. Madankollu, Coppola kienet taf li kien tħallas xi depożitu u kienet taf li dan tħallas minn Silvio Azzopardi billi hu kien id-diriġent tan-negozju. Hi qalet li ma kellhiex negozji jew dgħajjes. Coppola qalet li hi kienet takkumpanjah billi hu la kien jaf jaqra u lanqas jikteb.

Coppola kompliet tgħid li hi kienet ħolqot *Facebook pages* bl-isem "*Malta Excursions*" u "*Malta Explore*" billi ċertu wieħed Mark kien tahom parir li kellhom bżonn *social media presence* qawwija sabiex jitilgħu 'l fuq fir-*rankings* tal-*Google*. Hija qalet ukoll li Silvio Azzopardi riedha tieħu ħsieb il-*website* u s-*social media presence* iżda dawn qatt ma kienu għall-benefiċċju tagħha iżda għall-benefiċċju tiegħu billi hu kien id-diriġent tan-negozju.

Fil-kontro-eżami, ix-xhud qalet li hi kienet *partner* tal-konvenut l-ieħor Silvio Azzopardi fis-sens personali, jiġifieri li kienu jgħixu flimkien iżda ma kinux miżżewġin.

Fl-istess udjenza ġie ppreżentat affidavit tal-konvenut Silvio Azzopardi. Bil-Malti u taħt ġurament, Azzopardi xehed li hu kien is-sid tan-negozju *Seahorse Cruises*. Hu kien ħalla lil Shirley Coppola sabiex tibda l-operat tagħha bl-isem "*Malta Explore*" jew "*Malta Excursions*". Fil-fatt, Coppola kienet fetħet *Facebook page* għal din l-intrapriża tagħha b'ritratt ta' luzzu tax-xhud, liema ritratt hija kienet tuża mingħajr il-permess tiegħu.Azzopardi xehed li Coppola kienet li ddeċidiet li tuża s-servizzi tas-soċjetà attriċi sabiex tiftaħ *website*. Hu qal li peress li dak iż-żmien kienu għadhom flimkien, kien taha xi għajnuna finanzjarja sabiex tibda topera. Hu qal li kien hu li għamel pagament totali ta' elf Ewro (€1,000) lis-soċjetà attriċi u li dan l-ammont kien misluf lil Coppola.

Azzopardi kompla jgħid li hu ma kellu xejn x'jaqsam mal-*website* u osserva li kieku ried jiftaħ *website*, kien juża l-isem tan-negozju tiegħu, jiġifieri *Seahorse Cruises*, mhux juża ismijiet ġodda. Hu irrefera għall-affidavit tax-xhud Maurizio Mamo u qal li dan kien skorrett meta qal li s-soċjetà attriċi kienet ikkummissjonata sabiex toħloq *website* għal *Seahorse Cruises*. Skont Azzopardi, il-*website* kellha tkun biss għal Coppola, jiġifieri sabiex din tibda topera. Hu qal li fil-fatt, Coppola waħedha kienet tinnegozja mas-soċjetà attriċi. Azzopardi qal li hu kien biss silef xi flus lil Coppola sabiex hi tħallas id-depożitu. Billi l-finanzi tagħha kienu limitati, hu qal li ħass li kellu jgħinha fejn seta'.

Azzopardi ikkonferma li darba kien irċieva telefonata mingħand is-soċjetà attriċi fejn dawn talbuh iħallas is-somma mitluba permezz ta' din l-azzjoni. Hu qal li kien lest iħallas nofs din is-

somma, jiġifieri erba' mija u ħamsin Ewro (€450.00) sabiex jgħin lil Coppola, iżda bil-patt li hi tħallas il-bqija tas-somma dovuta. Il-persuna min-naħa tas-soċjetà attriċi kien qal lil Azzopardi li huma kienu ppruvaw jikkuntattjaw lil Coppola diversi drabi iżda din kienet baqgħet ma ħallsitx. Billi Azzopardi ma aċċettax li jħallas, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża. Azzopardi enfasizza li hu kellu biss l-intenzjoni li jgħin lil Coppola u ma kien ser jiggwadanja xejn minn dan, anzi spiċċa mar minn taħt.

Ix-xhud **Maurizio Mamo** reġa' tħarrek għall-udjenza tal-25 ta' Novembru 2019 sabiex jippreżenta *screenshot* ta' *website*. It-Tribunal josserva li dan l-i*screenshot* huwa intestat "*MALTA EXPLORE*" u għandu ritratt ta' dgħajsa bl-insinji tad-ditta *Seahorse Cruises*. Il-paragrafi li donnhom jiffurmaw is-sustanza tal-kitba skont l-i*screenshot* huma tant żgħar u skulurati li assolutament ma jistgħux jinqraw u għalhekk it-Tribunal ma jista' jislet ebda informazzjoni minn dik il-kitba (ara fol. 57 tal-proċess).

Fl-istess udjenza ġie ppreżentat l-affidavit tal-konvenuta **Shirley Coppola**. Hija qalet li għal diversi snin kienet f'relazzjoni mal-konvenut Silvio Azzopardi u matul ir-relazzjoni kienet għenet lil Azzopardi joħloq negozju relatat maċ-*chartering*. Hija qalet li ħadmet bla heda u ħadmet is-sigħat daqslikieku kienet *full-timer* iżda l-kap tan-negozju dejjem kien Silvio Azzopardi. Prinċipali fost ix-xogħol assenjat lilha kien dak kollu li jirrikjedi kitba u komunikazzjoni, fosthom *e-mails*, telefonati u *bookings*. Billi kien ikollhom ħafna *bookings* mingħand barranin li Silvio Azzopardi ma kienx kapaċi jikkomunika magħhom, kien jitlobha tniżżel isimha u n-numru tal-*mobile* tagħha fuq it-tabelli u l-*leaflets* tan-negozju. Madankollu, il-qligħ kien dejjem f'idejn Silvio Azzopardi.

Coppola kompliet tgħid li kien Azzopardi li talabha tikkomunika mas-soċjetà attriċi u f'dak iż-żmien, diġà kien hemm *website* iżda ma kinitx *updated*. Eventwalment, Azzopardi kien iddeċieda li ssir *website* ġdida u talabha tieħu ħsieb din il-*website*. Għalhekk, il-konvenuta kienet bdiet tikkomunika mas-soċjetà attriċi u qalet li Silvio Azzopardi kien preżenti għal kull laqgħa li saret mas-soċjetà attriċi. Ix-xogħol fuq il-*website* beda jieħu tul aktar milli kien mistenni u meta ntalab il-ħlas li kien jammonta għal nofs l-ammont totali, Azzopardi kien ħallas dan l-ammont. Miż-żmien tal-ħlas 'il quddiem, ir-relazzjoni bejn Coppola u Azzopardi bdiet tiddeterjora tant li fi ftit ġimgħat, intemmet. In-negozju u dak kollu anċillari għall-istess negozju baqa' ġestit minn Azzopardi. Coppola qalet li s-soċjetà attriċi kienet taf ben tajjeb li kienet qed taġixxi fuq struzzjonijiet mogħtija minn Azzopardi tant li anki l-*invoices* relattivi indikaw il-*VAT number* tal-konvenut Azzopardi u kienu indirizzati lilu.

Coppola spjegat li l-*Facebook account* bl-isem "*Malta Explore*", liema isem kellu jkun tal-*website* il-ġdida, ma kienx tagħha speċifikament iżda kien inħoloq minnha fuq struzzjonijiet tal-konvenut Azzopardi. Billi *Facebook page* bilfors kellha bżonn amministratur u kienet hi li ntalbet toħloq din il-*Facebook page*, bilfors li din kellha b'xi mod tkun relatata mal-*Facebook account* personali tagħha. Il-ħsieb wara l-isem alternattiv, jiġifieri "*Malta Explore*", kien li Azzopardi ried jesplora l-idea ta' isem alternattiv għal dak tan-negozju tiegħu, *Seahorse Cruises*, u dan sabiex jipprova jattira aktar klijenti. Coppola insistiet li hi qatt ma kellha u lanqas għandha negozju.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Ir-Risposti taż-żewġ konvenuti huma ċarissimi fis-sens li ħadd mill-konvenuti ma jiċħad li l-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni huwa fil-fatt dovut lis-soċjetà attriċi u lanqas, per eżempju, ma jgħidu li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi huwa esaġerat. Fil-fatt, id-difiża prinċipali ta' kull konvenut hija li jgħid li huwa l-konvenut l-ieħor li għandu jħallas. Ix-xhieda mressqa miż-żewġ konvenuti f'ebda punt ma tipprova, jew imqar tallega, li l-ammont mitlub mhux dovut lis-soċjetà attriċi. Minflok, il-konvenuti jargumentaw biss dwar min minnhom huwa obbligat iħallas lis-soċjetà kreditriċi.

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Shirley Coppola u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Silvio Azzopardi huma essenzjalment l-istess, jiġifieri li kull konvenut jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur. Għalhekk, dawn l-eċċezzjonijiet ser jiġu ttrattati flimkien.

Dwar eċċezzjonijiet bħal dawn, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet ***Frankie Refalo nomine vs. Jason Azzopardi et*** (deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001)[1] qalet hekk:

> *"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idonea biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Focal Maritime Services Company Limited vs. Top Hat Company Limited***, deċiża fid-9 ta' April 2008, fejn intqal:

> *"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-kreazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista'*

[1]Din is-sentenza ġiet ikkwotata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Edgar Urpani pro et noe vs. Continental Meat Co. Ltd*** (deċiża fit-23 ta' Ottubru 2009).

> *tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika. Naturalment, l-aċċertament ta' din ir-relazzjoni jrid isir fuq il-bażi tal-petitum u, ċjoe, tar-riużltat persegwit fil-ġudizzju mill-attur bit-talba tiegħu.*"

Oltre dan, it-Tribunal iqis li hu sewwa li jara l-verżjoni ta' dan it-tagħlim kif espressa f'ħafna qosor mill-Prim' Awla fis-sentenza ***Avukat Michael Psaila noe vs. Joseph Pace et*** (deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008):

> "*Min jeccepixxi li hu mhux il-legittimu kuntradittur jehtieglu jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talbaproposta bl-istanza ghaliex hu ma kien dahal f'ebda rapport negozjali mar-rikorrent noe jew li m'ghadx ghandu tali rapport.*"

Mill-atti jirriżulta ċar li ż-żewġ konvenuti kienu jikkomunikaw mas-soċjetà attriċi u li min-naħa tas-soċjetà attriċi, Maurizio Mamo (kap uffiċjal eżekuttiv fi ħdan is-soċjetà attriċi) kien jaf liż-żewġ konvenuti u kien jitkellem magħhom it-tnejn.[2] Anzi, fl-affidavit tiegħu (fol. 19 tal-proċess), Mamo xehed ċar li s-soċjetà attriċi kienet inkarigata tagħmel ix-xogħol relattiv minn "*Seahorse Cruises rappreżentati minn Saviour Azzopardi u Shirley Catania.*" Għalhekk, mhux sorprendenti li f'għajnejn is-soċjetà attriċi, huma ż-żewġ konvenuti li għandhom iwieġbu għat-talbiet relattivi. It-Tribunal jista' saħansitra jgħid li kieku s-soċjetà attriċi fetħet din l-azzjoni kontra wieħed jew waħda biss mill-konvenuti, wisq probabbli li kien ikun hemm lok għas-sejħa fil-kawża tal-persuna l-oħra.

Skont l-affidavit tal-konvenut Silvio Azzopardi (ara fol. 48), kienet Coppola li kienet tinnegozja mas-soċjetà attriċi. **Dan, iżda, ma jfissirx li kienet tinnegozja għall-benefiċċju personali tagħha.** Inoltre, Azzopardi qal li huwa kien biss silef xi flus lil Coppola. **M'hemmx provi li dan huwa minnu. Hemm biss l-affidavit tal-konvenut li jgħid dan.** Min-naħa l-oħra, meta xehed Maurizio Mamo fit-23 ta' Ottubru 2019, hu qal li s-soċjetà attriċi kienet tkellem lil Azzopardi kif ukoll lil Coppola. Azzopardi kien qal ukoll li s-soċjetà attriċi kienet ċemplitlu biex titolbu l-flus (ara fol. 49). **Għalhekk, dan li qal Azzopardi jaqbel ma' dak li qal Mamo, jiġifieri li s-soċjetà attriċi kellmet liż-żewġ konvenuti.**

Huwa ċarissimu li ż-żewġ konvenuti kienu f'relazzjoni li ma spiċċatx tajjeb. Dan huwa evidenti mill-fatt li Azzopardi lanqas biss għadda n-notifika tal-kawża lill-konvenuta iżda għaddiha lil bintha.

M'hemm ebda prova li Coppola kienet impjegata jew *partner* fin-negozju. Kieku kienet impjegata, kienet iġġib prova (bħal, per eżempju, l-*engagement form* tal-*Jobsplus*). Min-naħa l-oħra, kieku hi kienet *partner* mal-konvenut fin-negozju u kienu jaqsmu l-qligħ tan-negozju, Azzopardi kien iġib prova ta' dan. Ladarba m'hemmx provi dwar kif Coppola kienet titħallas, it-Tribunal iktar huwa propens li jemmen li Coppola kienet tgħin lil Azzopardi. Id-domanda jekk kinitx titħallas u jekk iva, kif kienet titħallas, ma tistax tiġi mwieġba mill-atti. Mhux ċar jekk

[2] Ara d-depożizzjoni tax-xhud Maurizio Mamo li tinsab a fol. 43 tal-proċess kif ukoll l-affidavit tal-istess xhud li jinsab a fol. 19 tal-proċess.

Coppola verament kinitx *business partner* fis-sens li kieku din kienet *business partner*, kien ikun hemm prova li kienet tieħu xi ħaġa meta telqet!

Dwar l-isem tan-negozju, il-fatt li daħal isem differenti (bħal "*Malta Explore*") ma jfissirx li Azzopardi ma kellux l-intenzjoni li jiftaħ *website*. Seta' kien li daħħal isem ieħor biex jattira aktar nies lejn in-negozju tiegħu. **Fil-fatt, fil-*website*, jidher ċar li l-isem "*Seahorse Cruises*" (l-isem tan-negozju tal-konvenut Azzopardi) għadu hemm.** Jekk Azzopardi ma kienx ser jiggwadanja mill-*website* (kif jallega hu), għaliex hemm isem in-negozju tiegħu? Għaliex huwa aċċetta li jkun hemm isem in-negozju tiegħu u saħansitra għamel pagamenti lis-soċjetà attriċi u l-*invoices* tas-soċjetà attriċi kienu maħruġin lilu?

It-Tribunal ma jidhirlux li l-intenzjoni tal-konvenut Azzopardi kienet li jgħin sabiex jinfetaħ negozju ieħor kompetitur fl-istess qasam, iżda aktar jidhirlu li l-intenzjoni kienet li Azzopardi jkabbar in-negozju tiegħu u għalhekk saret *website* ġdida li fiha l-isem "*Seahorse Cruises*" tħalla jidher.

Hemm ambivalenza konsiderevoli dwar il-kelma "*partner*". Diversi drabi tul is-smigħ tal-kawża, din il-kelma setgħet tirreferi kemm għal *partner* fis-sens ta' relazzjoni romantika kif ukoll għal *partner* fis-sens tan-negozju.

It-Tribunal ma jafx x'verament ġara bejn iż-żewġ konvenuti billi xejn mill-kuntest ma ġie ċċarat, speċjalment jekk Coppola tħallsitx u kif tħallset. Min-naħa l-oħra, Coppola qatt ma qalet li hi ma qalgħet xejn. Hi qalet biss li kien Azzopardi li kien jikkmanda fin-negozju. Jekk kien hu li kien jikkmanda, allura Coppola kienet impjegata? Jekk ma kinitx impjegata, allura dan ifisser li ma kienet taqla' xejn? Huwa possibbli li Coppola għenet lil Azzopardi kemm għax kienet f'relazzjoni romantika miegħu, iżda huwa possibbli wkoll li hija xtaqet tibda xi negozju simili. Madankollu, tkun xorta stramba kieku hija xtaqet tibda negozju u tħalli l-isem tan-negozju tiegħu jidher.

**Aktar, skon it-Tribunal, seta' kien hemm possibilità li ż-żewġ konvenuti kienu ser jibdew xi negozju ġdid flimkien iżda l-idea mietet fuq ommha billi kienet spiċċat ukoll ir-relazzjoni romantika bejniethom.**

Dawn huma r-raġunijiet li jwasslu lit-Tribunal sabiex jara din l-azzjoni mill-lenti tas-soċjetà attriċi, li tramite Maurizio Mamo, ippruvat li hija **kienet taf liż-żewġ konvenuti**. Il-fatturi nħarġu mis-soċjetà attriċi f'isem Azzopardi. Issa, jekk Azzopardi kien qiegħed iħallas f'isem Coppola, dik hija ħaġa li għandu jara hu.

Fid-dawl ta' dan, għalhekk, it-Tribunal jiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Silvio Azzopardi u jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Shirley Coppola u b'hekk jiddikjara li ż-żewġ konvenuti huma leġittimi kontradituri u għalhekk għandhom iwieġbu għall-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi.

It-Tribunal jara xebh konsiderevoli bejn il-fatti ta' din il-kawża u dawk tal-kawża ***Studiografik Limited vs. Caxton Print Shop Limited et***[3].

Fil-paragrafi numri 15 u 16 tas-sentenza tagħha rigward il-każ appena ċitat, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tinvoka l-Art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid (enfasi tal-Qorti tal-Appell):

"*L-obbligazzjoni hija in solidum għad-debituri meta huma* ***kollha obbligati għall-istess ħaġa,*** *b'mod li* ***kull wieħed minnhom jista jiġi mġiegħel għall-ħlas tad-dejn kollu,*** *u li* ***l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jeħles lill-oħrajn*** *lejn il-kreditur.*"

Mill-bqija, it-Tribunal josserva li l-provi li għandu quddiemu jikkonsistu merament f'verżjonijiet kompletament opposti mogħtija minn Azzopardi u minn Coppola. **Madankollu, ebda waħda minn dawn il-verżjonijiet ma tikkonvinċi lit-Tribunal li xi wieħed jew waħda minnhom kienu tant allontanati mir-relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi li jkun legalment u loġikament impossibbli li din tkun ikkundannata tħallas l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi *in solidum*.**

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, sema x-xhieda, ra d-dokumentazzjoni ippreżentata u sema' t-trattazzjonijiet relattivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha taż-żewġ konvenuti filwaqt li jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lill-konvenuti *in solidum* sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' disa' mija u sebgħa u disgħin Ewro (€900.97).

Billi ma ntalbu ebda interessi, it-Tribunal huwa prekluż milli jordna l-ħlas tal-interessi.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**

[3] Kawża 284/2013/VG deċiża minn dan it-Tribunal (diversament ippresedut) fl-24 ta' Settembru 2015 u mbagħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-1 ta' Diċembru 2017.